

Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2009 — Knöll vs Europol

(Kawża F-44/09)

(2009/C 180/118)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Brigitte Knöll (Hochheim am Main, il-Ġermanja)
(rappreżentant: P. de Casparis, avukat)

Konvenuta: L-Uffiċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li tinforma lir-rikorrenti bl-impossibbiltà li jiġi offrut lilha impjieg permanenti, kif ukoll tad-deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2009 li tiċħad l-ilment imressaq kontra l-ewwel deċiżjoni.

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 li permezz tagħha l-konvenut indika lir-rikorrenti li ma setgħax jipproponilha impjieg permanenti kif ukoll id-deċiżjoni mogħtija fuq ilment, fis-7 ta' Jannar 2009, li ddikjarat l-ilmenti tar-rikorrenti kontra d-deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2008 bħala infondati;

— tikkundanna lil Europol għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2009 — J vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-53/09)

(2009/C 180/119)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: J (Londra, l-Ingilterra) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrenti li tirrikonoxxi bħala marda professjonali l-marda li minnha hija tbati, kif ukoll id-deċiżjoni li tħallas hi l-miżati u l-ispejjeż tat-

tabib li hija għażlet kif ukoll nofs il-miżati u l-ispejjeż konnessi mat-tielet tabib tal-kummissjoni medika.

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrenti li tirrikonoxxi bħala marda professjonali, skont l-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-marda li minnha hija tbati u li tipprekludiha milli teżerċita d-doveri tagħha;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li hija għandha tħallas il-miżati u l-ispejjeż tat-tabib li hija għażlet kif ukoll nofs il-miżati u l-ispejjeż konnessi mat-tielet tabib tal-kummissjoni medika;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrenti EUR 1 b'mod simboliku bħala kumpens tad-dannu morali subit;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2009 — Maxwell vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-55/09)

(2009/C 180/120)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Allan Maxwell (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, u É. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

It-talba għall-kumpens tad-dannu subit mir-rikorrent waqt il-perijodu ta' leave għal raġunijiet personali meħud sabiex iwettaq il-funzjoni ta' "EU Senior Advisor" fl-Organizzazzjoni tal-iżvilupp tal-enerġija Koreana (il-"KEDO"), dannu kkawżat minn nuqqas ta' rimbors ta' spejjeż ta' akkomodazzjoni u taħriġ.

Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-2 ta' Settembru 2008 li tiċħad it-talba għal kumpens tar-rikorrent;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrent EUR 132 900 bħala rimbors ta' spejjeż ta' akkomodazzjoni u taħriġ li huwa sostna fil-kuntest tal-funzjonijiet tiegħu bħala EU Senior Advisor mal-KEDO;